MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-25 ta' Settembru, 2024

Appell Inferjuri Numru 86/2023 LM

**Shan Sasidharan (Detentur tal-Passaport Indjan Numru V1920781)**
*('l-appellant')*

***vs.***

**Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni**
*('l-appellat')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrent **Shan Sasidharan (Detentur tal-Passaport Indjan Numru V1920781)** [minn issa 'l quddiem 'l-appellant'], mid-deċiżjoni mogħtija fit-3 t'Awwissu, 2023 [minn issa 'id-deċiżjoni appellata'] mill-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni [minn issa 'l quddiem 'il-Bord'], li ddeċieda it-talbiet tar-rikorrent fil-konfront tal-intimat **l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni** [minn issa 'l quddiem 'l-appellat'], kif ġej:

> *"The Immigration Appeals Board refers to the considerations above and rejects the appeal. Prior to commencing employment, appellant had to finalise the single permit application as is clearly requested in the approval in principle received by appellant. Appellant failed to abide by what was requested of him. The Immigration Appeals Board confirms that when the return decision and removal order were issued, appellant did contravene the provisions of Chapter 217 of the Laws of Malta, article 5* et sequitur.
>
> *Return decision, removal order and entry ban are being confirmed."*

## Fatti

2. Fil-21 ta' Diċembru, 2021, ir-rikorrent kien intavola applikazzjoni tat-tip *still abroad*, sabiex jingħata permess ta' residenza minn Identity Malta Agency, u dan bl-iskop li jkun jista' jaħdem f'Malta ma' Ecabs Limited. Wara li l-Aġenzija Identity Malta għamlet id-diliġenza dovuta tagħha, fl-14 ta' Jannar, 2022, inħarġet *approval in principle letter* li abbażi tagħha nħarġet il-visa tar-rikorrent biex huwa jkun jista' jipproċedi lejn Malta. Din il-visa kienet valida għall-perijodu bejn id-29 ta' Lulju, 2022 sal-11 ta' Novembru, 2022. Fit-3 ta' Ottubru, 2022, ir-rikorrent daħal f'Malta bis-saħħa ta' din il-visa, u ħa ħsieb jiġbor id-dokumentazzjoni kollha meħtieġa sabiex jipproċedi għat-tieni parti tal-applikazzjoni tiegħu, liema applikazzjoni ppreżentaha fis-7 ta' Ottubru, 2022, u ġiet irreġistrata fl-14 ta' Ottubru, 2022, u dan bil-ħsieb li finalment jinħariġlu l-permess li huwa applika għalih. Ir-rikorrent spjega li fit-30 ta' Ottubru, 2022, u għalhekk meta l-visa tiegħu kienet għadha valida, inħarġet mill-appellat deċiżjoni ta' ritorn u ordni ta' tkeċċija, kif ukoll *entry ban* li tipprekludi lill-appellant milli jidħol lura f'Malta għal tliet snin mid-data tal-ħruġ tagħha. Kien għalhekk li r-rikorrent intavola appell minn dawn id-deċiżjonijiet quddiem il-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni.

3. Fir-rikors tal-appell tiegħu, ir-rikorrent spjega li huwa kellu visa valida għall-perijodu bejn id-29 ta' Lulju, 2022 sal-11 ta' Novembru, 2022, u huwa daħal f'Malta bis-saħħa ta' din il-visa. Qal ukoll li l-kumpannija jew prinċipal li offrielu impjieg, għadu dispost li jħaddmu miegħu. Ir-rikorrent qal li l-intimat kiser ir-regola tal-*audi alteram partem* meta ddeċieda li r-rikorrent m'għandux mezzi biex jgħajjex lilu nnifsu jew li huwa m'għandux indirizz fiss fejn jgħix, u din hija deċiżjoni li ħa l-intimat mingħajr ma ta smigħ lir-rikorrent. Ir-rikorrent qal li r-raġunijiet li ngħataw fid-deċiżjoni ta' ritorn huma wisq ġenerali, u ma jispjegawx iċ-ċirkostanzi preċiżi li minħabba fihom huwa qiegħed jintalab iħalli Malta. Ir-rikorrent, li sadanittant kien qiegħed jinżamm f'detenzjoni, talab ukoll li huwa jinħeles mid-detenzjoni. Ir-rikorrent appella għal konsiderazzjoni tal-każ tiegħu b'kompassjoni u abbażi ta' raġunijiet umanitarji.

4. L-intimat spjega li fid-29 ta' Ottubru, 2022, uffiċjali ta' Transport Malta kienu qegħdin iwettqu spezzjoni fil-Coast Road, fil-limiti tan-Naxxar, meta waqqfu persuna li kienet qiegħda ssuq vann tal-kumpannija Ecabs. Spjega li l-uffiċjali ta' Transport Malta sabu li r-rikorrent kien qiegħed isuq dan il-vann, bin-numru ta' reġistrazzjoni CLY 103 mingħajr ma kellu *driver taxi tag,* u mingħajr ebda mezz ta' identifikazzjoni. Ftit wara, intalbet l-assistenza tal-Pulizija u r-rikorrent ġie mistoqsi jekk għandux *taxi driver tag* u permess tax-xogħol validu, iżda r-rikorrent wieġeb fin-negattiv. L-intimat spjega li saru verifiki ulterjuri, fejn ġie stabbilit li r-rikorrent ma kellux permess tax-xogħol validu, u lanqas ma kellu permess sabiex jaħdem bħala xufier mal-kumpannija Ecabs. Kien għalhekk li r-rikorrent inżamm f'detenzjoni. L-intimat qal li sussegwentement ġie stabbilit li lir-rikorrent kienet inħarġitlu *approval in principle letter,* li kienet tindika b'mod ċar li din ma tammontax għal permess tax-xogħol. L-intimat qal li din l-*approval*

*in principle letter* inħarġet fl-14 ta' Jannar, 2022, u r-rikorrent ġie mgħarraf li huwa kellu jirregolarizza l-pożizzjoni tiegħu fi żmien sitt xhur mid-data tal-ittra. L-intimat qal li wara li saru aktar verifiki, ġie stabbilit li r-rikorrent ma kellux permess tax-xogħol validu, u kien għalhekk li ttieħdet id-deċiżjoni li għandha toħroġ ordni ta' ritorn fil-konfront tiegħu, wara li ġie kkonsidrat ukoll li huwa m'għandux il-mezzi biex jgħajjex lilu nnifsu, u li aktarx li jkun ta' piż fuq is-soċjetà Maltija.

**<u>Id-Deċiżjoni Appellata</u>**

5. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fit-3 t'Awwissu, 2023, il-Bord ċaħad l-appell tar-rikorrent wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"The Board observes that this is an appeal from a Return decision accompanied by a removal order issued to appellant Shan Sasidharan, dated 30th of October, 2022. It is also an appeal from an entry ban valid for a period of three (3) years from date of issue which entry ban was also issued on the 30th of October, 2022.*
>
> *Appellant was issued with the said return decision, removal order and entry ban on the basis that:*
>
> - *You are unable to show that you have the means of supporting yourself and your dependants (if any) or you or any of your dependants is likely to become a charge on the public funds;*
> - ***You contravened the provisions of** the Immigration Act or any of the regulations made thereunder;*
> - *You did not comply or ceased to comply with any of the conditions, including an implied condition, under which he was granted leave to land or to land and remain in Malta or was granted a residence permit;*
>
> *Request for bail was met and appellant was released on bail after meeting all the conditions as set out by the Immigration Appeals Board.*
>
> *Various board sittings were held wherein evidence both verbal and documented was presented to this Board. Note of submissions was presented by both parties and*

*following this the Immigration Appeals Board was authorised to proceed to give judgment.*

***<u>Facts of the case</u>***

*Appellant arrived in Malta on the 04th of October, 2022, after having been issued with an approval in principle letter dated 14th January, 2022. Visa to travel to Malta was received only in September 2022. Appellants' visa was valid from the 17th of August, 2022 until the 30th of November, 2022.*

*Appellant entered Malta by means of a visa valid from the 29th of July, 2022 till the 11th of November, 2022.*

*Appellant's prospective employer submitted the application on the 7th of October, 2022, registered on the 14th of October, 2022 and was refused entry by Identity Malta Agency on the 31st of October, 2022 following the issuance of the return decision and removal order dated 30th of October, 2022. Appellant was stopped by TM officials on the 29th of October, 2022. This was factually confirmed not only by the Principal Immigration Officer as represented by also by TM officials who were summoned to testify.*

*In his note of submissions, appellant argues that there is contradicting evidence tendered by TM officials. The Board will not consider this part of the submissions as it is not relevant to the merits of the appeal.*

***<u>Approval in principle letter issued by Identity Malta</u>***

*Approval in principle issued by Identity Malta Agency contains clear and detailed information about its validity and requirements needed once a third country national arrives in Malta after having been issued with an entry visa as was the case in point. Appellant entered Malta with a valid visa and his stay in Malta was valid. Appellant however contravened the provisions of the Immigration Act or any of the regulations made thereunder and failed to comply or ceased to comply with any of the conditions, including an implied condition, under which he was granted leave to land or to land and remain in Malta or was granted a residence permit, due to the fact that he was caught without having first obtained the single permit and the taxi driver tag which allows him to drive a taxi in Malta.*

*Approval in principle letter contains the following:*

***"Please be informed that your request has been granted in principle, but this letter is NOT your work permit."***

*This is the introduction of an Approval in Principle letter issued by Identity Malta Agency, Expatriates Unit, in response for a residence permit for the purpose of employment in Malta-Still Abroad Application.*

*The letter goes on stating that the approval to a third country national is without prejudice to:*

- *Any further approval that may be required by the Maltese Health Authorities to proceed to Malta (as per Legal Notices 244, 255, 280 and 290 of 2020, and/or any subsequent related LN which may be issued by the Health Authorities);*
- *Any visa requirements especially if you reside in those third countries where there is yet no facilitation for the issue of visa;*
- *Any restrictions regarding travelling to Malta imposed by states through which you would need to transit in order to reach Malta.*

*The procedures, instructions and rules follow, such as the need to present a Visa application form and other supporting documents to the relevant Embassy or Maltese Consulate within 180 days of receipt of the letter. If there is no Embassy or Consul present in an applicant's country of residence, one needs to obtain the necessary authorisation to apply for a visa at the nearest operational Maltese Embassy. Failing to do so within the said 180-day period the letter becomes invalid.*

*Once a visa is obtained and one arrives in Malta, the next step is to obtain the work and residence permit (single permit). An appointment needs to be fixed with Identity Malta Agency to present original documents and have the biometric data and photo taken. This procedure must be carried out within 90 days of arrival to Malta. Failure to do so the letter becomes invalid. It is also important to note that failure to attend the appointment without explanation will also result in the nullification of the application.*

*For this appointment one needs to present a set of documents:*

- *Valid passport*
- *Copy of the entry visa and passport page showing date of entry stamp*
- *'Still Abroad Part 2' application duly filled and signed*
- *Insurance policy showing coverage for medical assistance*
- *Rental agreement*
- *Copy of approval letter given to landlord by the Housing Authority*
- *Health screening evidence*

*Additional documents must be submitted if one will be working in the following industry:*

***Catering:*** *Food handling certificate*
***Security:*** *Police licence and security tag*
***Drivers:*** *European driving license and Malta driver tag*

***Applicable law***

*Article 5(1) of Chapter 217 of the Laws of Malta states that, "*any person, other than one having the right of entry, or of entry and residence, or of movement or transit under the preceding Parts, may be refused entry, and if he lands or is in Malta without leave from the Principal Immigration Officer, he shall be a prohibited immigrant."

*Article 5(2)(a) then goes on to say, "***if he is unable to show that he has the means of supporting himself and his dependants (if any) or if he and any of his dependants is likely to become a charge on the public funds"**;

(b) if he is suffering from a mental disorder or is a mental defective; or

(c) if, having landed in Malta pursuant to or under any regulation made under Article 44 and/or 50 of the provisions of the Prevention of Diseases Ordinance, he is still in Malta after the lapse of the period of 15 days from the day on which the Superintendent of Public Health certifies in writing that the stay of such person in Malta is no longer required under and for the purpose of such regulation; or

(d) if he is found guilty by a court of Criminal Jurisdiction in Malta of an offence against any of the provisions of the White Slave Traffic (Suppression) Ordinance or of the Dangerous Drugs Ordinance or of a crime, other than involuntary homicide or involuntary bodily harm, whihch, in the case of a first crime committed by such person, is punishable with imprisonment for a term of not less than one year, or in the case of a second or subsequent crime committed by such person, is punishable with imprisonment for a term not less than three months; or

(**e) if he contravenes any of the provisions of this Act or of any regulations made thereunder; or**

**(f) if he does not comply or ceases to comply with any of the conditions, including an implied condition, under which he was granted leave to land or to land and remain in Malta or was granted a residence permit**; or

(g) if any circumstance which determined the granting of leave to land or to land and remain in Malta or the extension of such leave or the granting of a residence permit ceases to exist; or

(h) if such person is a prostitute; or

(i) If he is dependent of a person who is a prohibited immigrant under any of the provisions of this-sub-article;

***Considerations***

*Appellant entered Malta by means of a valid visa following the issuance of the approval in principle which needed to be concluded as requested prior to commencement of work. The approval in principle letter does not give any individual an automatic right to work as is clearly indicated in the said document –* **"please be informed that your request has been granted in principle, but this letter is NOT your work permit."** *This besides the responsibility the job of taxi driver carries which involves the carrying of passsengers.*

*On the 29th of October, 2022, Transport Malta officials stopped appellant whilst he was driving an e-cab taxi and it resulted that appellant was not in possession of the single permit nor a taxi driver tag. Return decision and removal order were issued dated 30th of October, 2022.*

***Decide***

*The Immigration Appeals Board refers to the considerations above and rejects the appeal. Prior to commencing employment, appellant had to finalise the single permit application as is clearly requested in the approval in principle received by appellant. Appellant failed to abide by what was requested of him. The Immigration Appeals Boards confirms that when the return decision and removal order were issued, appellant did contravene the provisions of Chapter 217 of the Laws of Malta, article 5* et sequitur.

*Return decision, removal order and entry ban are being confirmed."*

## L-Appell

6. Fir-rikors tal-appell imressaq fis-7 t'Awwissu, 2023, ir-rikorrent talab lil din il-Qorti tilqa' l-aggravji mressqa minnu, u tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni ta' ritorn, l-ordni ta' tkeċċija, u l-*entry ban* maħruġa mill-appellat fit-30 ta' Ottubru,

2022, u tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni tal-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni tat-3 t'Awwissu, 2023, u dan sabiex huwa jkun jista' jintavola applikazzjoni ġdida għall-permess ta' residenza ġewwa Malta.

7. L-appellant spjega li l-appellat ibbaża d-deċiżjoni tiegħu fuq artikoli 5(1) u 5(2) tal-Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta, u r-raġunijiet li ngħata l-appellant għalfejn huwa kien qiegħed jitkeċċa minn Malta kienu, li huwa niżel jew qiegħed Malta mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-appellat, u li huwa naqas milli jikkonforma mal-kundizzjonijiet imposti fuqu mal-wasla jew mal-permess li huwa ngħata biex jinżel Malta. L-appellant qal li huwa ssodisfa r-rekwiżiti kollha sabiex jipproċedi lejn Malta, u għalhekk il-pożizzjoni tiegħu f'Malta kienet waħda regolari, u dan wara li lilu nħarġitlu *approval in principle letter* u visa sabiex jipproċedi lejn Malta. L-appellant qal li kemm l-appellat kif ukoll il-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni kkwotaw l-artikolu 5 *et sequitur* tal-Att tal-Immigrazzjoni, iżda ma ssottolineawx liema regolamenti ġew effettivament miksura minnu. Qal li quddiem il-Bord ma nġabet l-ebda prova li huwa ma kienx fi ħsiebu jaħdem mal-Ecabs jew li l-Ecabs ma kienux għadhom disposti li jħaddmuh. Żied jgħid li għalhekk l-appellat naqas milli jġib prova li fil-mument li fih ħarġu d-deċiżjonijiet li qegħdin jiġu appellati, l-appellant ma kienx jissodisfa r-rekwiżiti li bis-saħħa tagħhom huwa ġie awtorizzat jipproċedi lejn Malta u jikseb visa. Qal li minn dan għandu jirriżulta li fil-mument li fih inħarġet l-ordni ta' tneħħija, il-pożizzjoni tiegħu kienet waħda regolari, u għalhekk ma kellux jitqies li huwa *prohibited immigrant.*

8. It-tieni aggravju tal-appellant huwa li l-Bord għamel apprezzament żbaljat tal-provi. L-appellant spjega li hemm evidenza kontradittorja fir-rigward tax-

xhieda li ngħatat minn uffiċjal ta' Transport Malta, fejn dan qal li ma jiftakarx jew ma jafx jekk l-appellant kienx qiegħed jaħdem jew le. L-appellant qal li ladarba ma kienx hemm xhieda ċara f'dan ir-rigward, ma kienx hemm raġuni għall-ħruġ tad-deċiżjoni ta' ritorn jew tal-ordni ta' tkeċċija, u tal-*entry ban* fil-konfront tiegħu. Żied jgħid li kien jinkombi fuq l-appellat li jressaq provi li bihom juri li l-appellant kiser il-kundizzjonijiet tas-subartikoli 5(2)(e) u (f) tal-Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-unika prova denja li ressaq l-uffiċjal ta' Transport Malta, il-Bord ma ħa l-ebda konjizzjoni tagħha. Qal li għalhekk għandu jirriżulta li l-appellat naqas milli jġib il-prova ewlenija li huwa kien mistenni li jressaq, jiġifieri li l-appellant kiser xi waħda mill-kundizzjonijiet tal-Kap. 217, u minflok ħareġ id-deċiżjonijiet tiegħu fuq suppożizzjonijiet li huwa għamel, u għalhekk għandu jirriżulta li l-appellat naqas milli jġib provi suffiċjenti sabiex juri li l-kundizzjonijiet li fuqhom inħarġet il-visa ġew miksura.

9. Fit-tielet aggravju tiegħu, l-appellant qal li fil-każ odjern ma ġiex osservat il-prinċipju tal-*audi alteram partem.* Qal li qabel inħarġu d-deċiżjonijiet ta' ritorn, l-ordni ta' tneħħija, u l-*entry ban* fil-konfront tiegħu, kellhom jiġu osservati l-prinċipji ta' ġustizzja naturali, fosthom dak tal-*audi alteram partem.* Spjega li huwa ma ngħatax iċ-ċans iressaq il-pożizzjoni tiegħu qabel ingħata d-deċiżjoni tal- appellat, u l-appellat lanqas ma vverifika s-suppożizzjonijiet tiegħu mal-appellant, meta l-appellant kien ser jintlaqat b'mod negattiv ferm bid-deċiżjoni tal-appellat. L-appellant kompla jgħid li f'ċirkostanzi bħal dawn, l-appellat kellu jagħmel minn kollox biex jisma' l-verżjoni tal-appellant, kif ukoll tal-imgħallem prospettiv tiegħu, qabel jiddeċiedi li joħroġ id-deċiżjoni ta' ritorn, l-ordni ta' tkeċċija, u l-*entry ban* fil-konfront tiegħu. Qal li huwa ser jispiċċa żvantaġġat ferm bid-deċiżjonijiet tal-appellat, għaliex dawn ser ifissru li huwa

ser ikollu jitlaq minn Malta, u ma jirritornax qabel jgħaddu tal-inqas tliet snin oħra. Kompla jgħid li, bl-istess riga, l-Aġenzija Identity Malta ma kellhiex toqgħod fuq dak li qalilha l-appellat, u tirrifjuta l-applikazzjoni tal-appellant għall-permess ta' residenza.

10. Permezz tar-raba' aggravju tiegħu, l-appellant qal li l-appellat naqas milli japplika l-prinċipji tar-raġonevolezza, tal-proporzjonalità u tal-element uman. Spjega li d-deċiżjonijiet li ttieħdu fil-konfront tiegħu mhumiex proporzjonati meta wieħed iqis l-element uman. Qal li sabiex ħarġet l-*approval in principle letter* mill-Aġenzija Identity Malta, huwa kien għadda minn skrutinju fejn l-applikazzjoni tiegħu tkun intbagħtet lil bosta *stakeholders* fosthom lill-Pulizija u lil JobsPlus, u dawn ikunu taw il-*go-ahead* tagħhom li l-applikant huwa ta' kondotta tajba u li xogħlu huwa bżonnjuż hawn Malta. Qal li kieku huwa ma kienx jissodisfa xi wieħed minn dawn il-kriterji, la l-*approval in principle letter* u lanqas il-visa ma kienu joħorġu. Qal li huwa kien qiegħed Malta abbażi ta' visa valida li nħarġitlu, u huwa qatt ma kellu jiġi kkastigat bid-deċiżjonijiet li qegħdin jiġu appellati. Kompla jgħid li meta huwa kien barra fuq pleġġ, huwa osserva l-kundizzjonijiet kollha imposti fuqu, u ma kiser l-ebda waħda minnhom, u għalhekk dan jikkontradixxi dak li qal l-appellat li huwa ser ikun ta' piż fuq l-istat. Qal li huwa ġie Malta bit-tama ta' ħajja aħjar u sabiex jibni ħajja ġdida, sab impjieg li jogħġobu u li permezz tiegħu jista' jgħajjex lill-familjari tiegħu fl-Indja, u minflok spiċċa f'sitwazzjoni fejn spiċċa miżmum f'detenzjoni minkejja li kellu visa valida. Qal li fi kwalunkwe każ, jekk l-appellat kien tal-fehma li huwa kiser xi waħda mill-kundizzjonijiet tal-Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta, hemm miżuri oħra li setgħu jittieħdu, bħal per eżempju rakkomandazzjoni li tinħareġ *infringement*

*notice* sabiex jirregolarizza ruħhu, u mhux jinħarġu ordni ta’ tneħħija, deċiżjoni ta’ ritorn, u *entry ban* ta’ tliet snin.

**Ir-Risposta tal-Appell**

11. Permezz tar-risposta tiegħu, l-appellat qal li d-deċiżjoni tal-Bord tat-3 t’Awwissu, 2023 hija ġusta u timmerita konferma *in toto.* Qal li preliminarjament irid jingħad li l-appell huwa inammissibbli u null, stante li *ai termini* tal-artikolu 25A(8) tal-Kap. 217, appell minn deċiżjoni tal-Bord jista’ jsir biss fuq punt ta’ dritt *‘rigward deċiżjonijiet li jkunu jolqtu persuni bħal dawk imsemmija fit-Taqsima III’*, u l-appellant mhuwiex wieħed mill-persuni msemmija fit-Taqsima III, ladarba la huwa ċittadin ta’ Stat Membru, u lanqas ma jinsab leġittimament fit-territorju ta’ xi stat li huwa marbut bi Ftehim dwar il-Fruntiera.

12. B’riferiment speċifiku għall-ewwel aggravju mressaq mill-appellant, l-appellat qal li dan ma jsib l-ebda sostenn meta wieħed iħares lejn id-deċiżjoni tal-Bord u lejn il-fattispecie tal-każ. Qal li l-artikolu 5 tal-Kap. 217 jistipula diversi istanzi meta immigrant jitqies bħala immigrant ipprojbit, u l-kelma ‘jew’ fil-paragrafi tas-sub-artikolu 2 tal-artikolu 5, tagħmilha ċara li persuna titqies bħala immigrant projbit f’waħda jew aktar mill-istanzi mniżżla f’dawk il-paragrafi tal-imsemmi artikolu. Jgħid ukoll li l-paragrafi ma jipprospettawx rekwiżiti kumulattivi iżda alternattivi, u fil-każ odjern jirriżulta li l-appellant kellu permess sabiex jiġi Malta, iżda dan il-permess kien marbut mal-ittra ta’ approvazzjoni fil-prinċipju li ngħata minn Identity Malta, u b’hekk kellu jiffinalizza l-proċess għal permess uniku ta’ xogħol, u effettivament kellu jistenna sakemm jinħareġ dan

il-permess. L-appellat qal li l-appellant ħadem bħala *taxi driver* bl-ittra ta' approvazzjoni fil-prinċipju biss, mingħajr ma kellu permess uniku ta' xogħol, u b'hekk kiser il-kundizzjonijiet 5(2)(a), (e) u (f) tal-Kap. 217, għaliex ma kellux mezzi biex imantni lilu nnifsu ladarba ma kellux permess ta' xogħol, u għaliex kiser kundizzjoni marbuta mas-soġġorn tiegħu f'Malta, jiġifieri li jikseb il-permess uniku qabel jibda jaħdem. L-appellat qal li huwa ovvju li min jinqabad jaħdem bla permess ikollu jiffaċċja l-konsegwenzi bħal dawk imposti fuq l-appellant.

13. B'riferiment għat-tieni aggravju tal-appellant, l-appellat qal li hawnhekk l-appellant qiegħed jitlob lil din il-Qorti teżamina l-provi mill-ġdid, imma skont l-artikolu 25A(8) tal-Kap. 217 dan ma jistax isir, u d-deċiżjoni tal-Bord għandha titqies li hija waħda finali u li minnha m'hemmx appell għajr dwar punt ta' dritt. L-appellat qal li bl-aggravju mressaq minnu, l-appellant qiegħed jistieden lil din il-Qorti tidħol fiż-żarbun tal-Bord u tara għal liema raġuni l-Bord emmen il-verżjoni tal-appellat u mhux dik tal-appellant. Qal li dan mhux permissibbli u lanqas għandu jiġi aċċettat l-argument li biex persuna tappella fuq punti ta' fatt, tgħid li l-punt ta' dritt irid jiġi sostanzjat bil-fatti u bil-provi miġjuba fil-prim'istanza. L-appellat qal li punt ta' dritt għandu jkun punt purament legali, u l-fatt li x-xhieda ta' parti tiġi skartata u mhux emmnuta, ma jagħti l-ebda dritt ta' appell fuq punt bħal dan.

14. L-appellat qal li jekk din il-Qorti tidħol fil-mertu tad-deċiżjoni appellata, issib li l-appellant ingħata *approval in principle* sabiex jikseb impjieg ġewwa Malta, u l-appellat meta wasal Malta, minflok irregolarizza l-pożizzjoni tiegħu inqabad isuq vettura tal-Ecabs mingħajr permess uniku ta' xogħol, u mingħajr

*taxi driver tag.* Jgħid li l-ittra tal-*approval in principle* tagħmilha ċara lil min jirċieviha, li din ma tikkostitwixxix permess ta' xogħol. L-appellat qal li dan kollu rriżulta lill-Bord mix-xhieda ta' rappreżentanti ta' Identity Malta, ta' Transport Malta u ta' JobsPlus, u għalhekk m'hemmx ħtieġa li l-provi f'dan ir-rigward jiġu kkunsidrati mill-ġdid minn din il-Qorti.

15. B'riferiment għat-tielet aggravju tal-appellant, l-appellat qal li dan huwa wieħed fieragħ. Spjega li huwa jaqdi funzjoni amministrattiva u pubblika, u m'għandux funzjoni ġudizzjarja. Qal li l-mekkaniżmu ta' appell li jeżisti mid-deċiżjonijiet tiegħu, jinsab ikkristallizzat fil-liġi, u l-appellant kellu dritt ta' appell quddiem il-Bord, liema Bord alloka numru ta' seduti għas-smigħ tal-appellant, u tah ċans iressaq provi u sottomissjonijiet quddiemu. L-appellat qal ukoll li l-allegazzjoni li l-appellant ma ngħatax widen, qiegħda ssir f'vakwu, u għandu jirriżulta li l-prinċipju *audi alteram partem* ġie rispettat mill-Bord li sema' l-appell tal-appellant.

16. B'riferiment għar-raba' aggravju mressaq mill-appellant, l-appellat qal li dan l-aggravju jikkozza mal-verità assoluta tal-fatti. Spjega li jekk kien hemm każ ta' ksur flagranti tal-liġi, fejn persuna kienet taf x'inhi tagħmel, dan kien l-appellant li ġie Malta u ħadem bla permess tax-xogħol, u mingħajr *taxi driver tag.* Qal li persuna li tagħmel hekk taf iġġib persuni terzi li jirkbu fit-taxi fil-għali għaliex ma ntweriex li l-appellant kien jaf isuq, u jekk dan setax iwassal terzi persuni fejn xtaqu. Qal li kieku kulħadd jagħmel bħall-appellant, l-affidabilità tas-sewwieqa tat-taxis tispiċċa fix-xejn, u l-pubbliku ma jkollux is-serħan il-moħħ meħtieġ li min qiegħed jipprovdi servizz jaf x'inhu jagħmel. L-appellat qal li huwa marbut li josserva l-liġi fl-intier tagħha, u jekk l-appellant ried jaħdem f'Malta,

dan messu ffinalizza l-applikazzjoni tiegħu kif kien mistenni minnu. L-appellat qal li dan l-appell jittratta dwar deċiżjonijiet tal-appellat Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni, li ġew meħuda skont t-termini tal-liġi, u r-reviżjoni li l-Bord u l-Qrati jagħmlu ta' dawk id-deċiżjonijiet, sew jekk jittrattaw l-element uman jew ta' drittijiet fundamentali, u l-fatt waħdu li persuna tkun għamlet sagrifiċċju sabiex ġiet taħdem f'Malta, ma jirrendix l-aġir illegali tiegħu wieħed li ma jimmeritax ċensura.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

17. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji mressqa mill-appellant fir-rikors tal-appell tiegħu, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet li għamel il-Bord fid-deċiżjoni appellata, u tas-sottomissjonijiet magħmula mill-appellat. Imma qabel xejn l-Qorti sejra tagħmel l-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-eċċezzjoni preliminari mressqa mill-appellat, li dan l-appell mhux ammissibbli *ai termini* tal-artikolu 25A(8) tal-Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-Qorti tqis li f'dan l-istadju preliminari, almenu sal-eżitu finali ta' dan l-appell, l-appellant għandu jitqies li qiegħed Malta u li wasal Malta b'mod legali. Fil-fatt id-deċiżjoni ta' ritorn u l-ordnijiet l-oħra li ngħataw fil-konfront tal-appellant mill-appellat, ma ngħatawx għaliex dan wasal Malta b'mod illeċitu, iżda minħabba dak li ġara wara l-wasla tiegħu f'Malta, u għalhekk l-appellant qiegħed jitqies li fil-preżent għadu fit-territorju ta' Stat Membru leġittimament, hekk kif jirriżulta li dan wasal Malta wara li nħarġitlu l-*approval in principle letter* u l-visa, li t-tnejn kienu għadhom validi sakemm inħarġu mill-appellat id-deċiżjonijiet ta' tkeċċija u ta' ritorn, u tal-*entry ban* fil-konfront tiegħu. Għaldaqstant il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji mressqa mill-

appellant, u dan għaliex ma jistax jingħad li l-appellant wasal jew qiegħed Malta b'mod illegali.

*L-Ewwel Aggravju:* *[Ir-raġuni mogħtija mill-appellat u li abbażi tagħha l-appellant intalab iħalli Malta]*

18. Permezz tal-ewwel aggravju tiegħu, l-appellant jgħid li d-deċiżjoni tal-appellat fil-konfront tiegħu, hija waħda kontradittorja, għaliex mhuwiex ċar għal liema raġuni huwa qiegħed jintalab iħalli Malta. Jgħid li r-raġunijiet mogħtija fid-deċiżjoni tal-appellat fejn huwa ġie ordnat iħalli Malta, huma kontradittorji, u l-appellat kellu jiddeċiedi jekk huwa niżilx u qiegħed Malta mingħajr awtorizzazzjoni, jew jekk huwa naqasx milli jikkonforma mal-kundizzjonijiet imposti fuqu mal-wasla jew mal-permess li ngħata biex jinżel Malta. L-appellant qal li huwa ssodisfa r-rekwiżiti kollha imposti fuqu sabiex jidħol f'Malta, u għandu jirriżulta li kienet inħarġet *approval in principle letter,* u li huwa wasal Malta bis-saħħa ta' visa li kienet għadha valida sa dakinhar li nħarġu d-deċiżjonijiet ta' tkeċċija u ritorn, u tal-*entry ban*.

19. Il-Qorti tirrileva li minkejja li l-wasla tal-appellant f'Malta jidher li kienet waħda regolari, u fil-fatt jirriżulta li huwa kellu *approval in principle letter* u visa valida li abbażi tagħhom huwa daħal Malta, l-appellant naqas milli jirregolarizza l-qagħda tiegħu f'Malta qabel jibda jaħdem, billi jassigura li jkollu f'idejh permess ta' residenza validu. L-appellant kien avżat li l-*approval in principle letter* ma kienitx dokument validu għall-finijiet ta' xogħol, u huwa kellu jfittex li jirregolarizza s-sitwazzjoni tiegħu wara li jasal Malta, qabel jibda kwalsiasi impjieg. Minkejja dan, l-appellant inqabad fil-fatt isuq vettura tal-kumpannija

Ecabs, u ċ-ċirkostanzi kollha jindikaw li huwa kien qiegħed jaħdem fil-ħin meta huwa twaqqaf minn uffiċjali ta’ Transport Malta, hekk kif wieħed mix-xhieda kkonferma li fil-ħin tal-ispezzjoni kien hemm passiġġieri fil-vettura. Jidher ċar għalhekk li d-deċiżjoni tal-awtoritajiet ittieħdet wara li ġie kkunsidrat li l-appellant naqas milli jikkonforma ma’ waħda mill-kundizzjonijiet imposti fuqu mal-wasla tiegħu f’Malta jew mal-permess li bis-saħħa tiegħu huwa daħal Malta. Kundizzjoni oħra impliċita f’tali permess hija li l-appellant josserva l-liġijiet tal-pajjiż u jassigura li jkun konformi magħom il-ħin kollu. L-appellant naqas f’dan ir-rigward meta nqabad isuq mingħajr identifikazzjoni u mingħajr *taxi driver tag.* Il-Qorti tqis għalhekk li jirriżulta li fil-każ odjern kien hemm ksur lampanti tal-kundizzjonijiet *ai termini* ta’ liema l-appellant tħalla jinżel f’Malta, għaliex mal-wasla tiegħu f’Malta huwa kellu jirregolarizza ruħhu billi jikseb id-dokumentazzjoni meħtieġa għall-ħruġ tal-permess uniku għal skop ta’ xogħol u residenza. In vista ta’ dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti tqis li l-ewwel aggravju mressaq mill-appellant mhuwiex ġustifikat, u tiċħdu.

*It-Tieni Aggravju:* *[Il-Bord għamel apprezzament żbaljat tal-provi]*

20. Permezz tat-tieni aggravju tiegħu, l-appellant qal li l-Bord għamel apprezzament żbaljat tal-provi, għaliex ma kienx hemm provi ċari dwar jekk huwa kienx qiegħed jaħdem jew le, u għalhekk għandu jirriżulta li l-appellat ibbaża d-deċiżjoni tiegħu fuq suppożizzjoni. Qal li l-appellat naqas milli jressaq biżżejjed provi li juru li jeżisti ksur tal-artikolu 5(2)(e) u (f) tal-Kap. 217 tal-Liġijiet ta’ Malta.

21. Din il-Qorti tirrileva li mix-xhieda ta' Gaetano Frendo, uffiċjal ta' Transport Malta, jirriżulta li rekbin mal-appellant fil-ħin tal-ispezzjoni kien hemm xi passiġġieri. Jirriżulta wkoll li kien hu li kien qiegħed isuq il-vettura, kif wara kollox jammetti l-appellant stess fir-rikors tal-appell tiegħu. Mhux ċar għalhekk għal liema raġuni l-appellant jgħid li d-deċiżjoni tal-appellat ittieħdet abbażi ta' suppożizzjonijiet, meta l-appellant inqabad fil-fatt jikser ir-regolamenti, u kien għalhekk huwa kellu jiffaċċja l-konsegwenzi imposti bil-liġi. Għaldaqstant tqis li dan l-aggravju mhuwiex mistħoqq, u tiċħdu ukoll.

*It-Tielet Aggravju:* *[Ksur tal-prinċipju* 'audi alteram partem'*]*

22. L-appellant jikkontendi li fil-konfront tiegħu kien hemm ksur tal-prinċipju ta' ġustizzja naturali – *audi alteram partem,* u jgħid li d-deċiżjoni fil-konfront tiegħu ttieħdet mill-appellat mingħajr ma huwa ngħata smigħ xieraq. Qal li l-appellat għamel għadd ta' suppożizzjonijiet fil-konfront tiegħu, li lanqas biss ġew ivverifikati miegħu, u dan bi ksur tad-drittijiet tiegħu.

23. Il-Qorti tirrileva li s-smigħ xieraq li kellu jingħata l-appellant, fil-fatt ingħata mill-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni, wara li l-appellant ressaq l-appell mid-deċiżjonijiet li ttieħdu fil-konfront tiegħu mill-appellat. Il-Bord alloka għadd ta' seduti għas-smigħ tax-xhieda li ressqu l-partijiet, u anki ta żmien lil kull parti tressaq is-sottomissjonijiet tagħha bil-miktub. Ta' min ifakkar li l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni għandu funzjoni amministrattiva, u m'għandux funzjoni ġudizzjarja, u għalhekk minkejja li hemm normi li jridu jiġu segwiti minnu, ewlienija fosthom dak tar-raġonevolezza, ma jistax jingħad li fil-każ odjern kien hemm ksur ta' xi prinċipju ta' ġustizzja naturali min-naħa tiegħu, u

jirriżulta li l-appellat għamel dak kollu li kellu jagħmel sabiex jassigura li l-liġi tiġi mħarsa f'kull waqt. Għaldaqstant il-Qorti tqis lili dan l-aggravju mhuwiex ġustifikat, u tiċħdu.

*Ir-Raba' Aggravju:* *[Il-prinċipji tar-raġonevolezza, tal-proporzjonalità u tal-element uman]*

24. L-appellant jgħid li l-appellat kellu jħares il-prinċipji tar-raġonevolezza, tal-proporzjonalità, u jikkonsidra wkoll l-element uman ta' dan il-każ. Qal li huwa ġie jaħdem f'Malta sabiex ikun jista' jkollu futur aħjar għalih, u sab impjieg li permezz tiegħu jkun jista' wkoll jgħajjex il-familja tiegħu fl-Indja, u għalhekk id-deċiżjonijiet li ttieħdu fil-konfront tiegħu, huma iebsa wisq meta wieħed iqis in-natura tar-reat li huwa qiegħed jiġi akkużat bih.

25. Il-Qorti, filwaqt li tisħaq li d-dimensjoni umana m'għandha tiġi traskurata fl-ebda każ li jkollha quddiemha, madanakollu tqis li hija tkun qiegħda tabdika mir-responsabbilitajiet tagħha jekk fil-każ odjern tinjora l-ksur lampanti tal-liġijiet tal-pajjiż min-naħa tal-appellant, li nstab li kien qiegħed isuq vann bil-passiġġieri, f'ċirkostanzi fejn huwa ma kellux il-permessi meħtieġa biex jagħmel dan. Applikanti fil-pożizzjoni tal-appellant, jintalbu jippreżentaw diversi dokumenti, fosthom prova li għandhom liċenzja tas-sewqan li hija valida għas-sewqan fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, in vista tal-fatt li huwa l-pubbliku in ġenerali li ser ikun qiegħed jagħmel użu minn dan is-servizz, u min jitlob dan is-servizz għandu jkollu s-serħan il-moħħ meħtieġ li s-sewwieq tat-taxi għandu l-permessi u l-ħiliet neċessarji sabiex jagħmel dan ix-xogħol. L-appellant kien infurmat bil-ħtieġa li mal-wasla tiegħu f'Malta jirregolarizza l-qagħda tiegħu billi

japplika għall-permess ta' residenza meħtieġ, u għalhekk ma jistax jgħid li huwa ma kienx jaf li ma setax jaħdem f'Malta sakemm jagħmel dan, u li l-*approval in principle letter* mhijiex ekwivalenti għal permess tax-xogħol jew ta' residenza. Għalkemm kien jaf li ma setax jaħdem qabel jikseb il-permessi meħtieġa, huwa nstab li qiegħed jagħmel xogħol li għalih kien jeħtieġ liċenzja u permessi speċifiċi, meta huwa ma kellux dan. Il-Qorti ma tistax tħalli dan il-ksur għaddej, partikolarment meta r-riperkussjonijiet f'każ ta' inċident irid iġorrhom min ma jaħti xejn għas-sitwazzjoni li ġab b'idejh l-appellant. Għalhekk tqis li anki dan l-aggravju mhuwiex ġustifikat u tiċħdu.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi dwar dan l-appell billi tiċħad l-aggravji mressqa mill-appellant, u tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**In vista taċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, l-ispejjeż għandhom jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**